MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1816/2004

**Mirage Holdings Limited (C-6808)**

**vs**

**Brian Darmanin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u tlettax-il lira Maltija (Lm1413.00) dovuta mill-istess konvenut lis-socjeta` attrici in kwantu ghas-somma ta' elf mija u erbgha u disghin lira (Lm1194.00) bhala prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin (Lm219.00) bhala imghax legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata tal-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Mejju, 2005 fejn gie eccepit :**
**i. L-intempestivita` tal-azzjoni attrici stante illi l-konvenut kellu ftehim sabiex jissalda d-debitu tieghu permezz ta' pagamenti rateali ;**
**ii. Illi t-talba attrici kif dedotta hija nfondata fid-dritt stante illi ma jistghux jintalbu l-imghax bhala parti mill-ammont li t-Tribunal qed jigi mitlub li jikkundanna lill-konvenut biex ihallas, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta ;**
**iii. Illi f'kull kaz it-talba attrici ghandha tigi ridotta tenendo kont ta' pagamenti effettwati fil-mori ;**
**iv. Illi l-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura in vista tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni ;**
**v. Illi l-konvenut ghadu, kif dejjem kien, dispost illi jissalda d-debitu permezz ta' pagamenti rateali kif pattwit.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-22 ta' Settembru, 2005, fejn stante pagament ta' sitt mija u hamsin lira (Lm650.00) s-sorte gie ridott ghall-ammont ta' hames mija u erbgha u erbghin lira (Lm544.00) oltre l-imghaxijiet kummercjali, oltre l-imghaxijiet kummercjali, bla pregudizzju ghall-ammont iehor dovut import ta' kambjali accettati u debitament iffirmati.**
**Ra nota ohra ta' riduzzjoni prezentata fit-8 ta' Novembru, 2005, fejn stante pagament ta' mitt lira (Lm100.00) s-sorte gie ridott ghall-ammont ta' erba' mija u erbgha u erbghin lira (Lm444.00) oltre l-imghaxijiet kummercjali, dejjem bla pregudizzju ghall-ammont iehor dovut import ta' kambjali accettati u debitament iffirmati.**

**Semgha x-xhieda ta' Luciano Martinelli u ta' Dr. John Buttigieg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Dicembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx, u ghalhekk id-domandi attrici kif ridotti ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ikkunsidra:**
**Li kienet intbaghtet ittra ufficjali, u l-konvenut baqa' ma hallasx, u ghalhekk ma hemm ebda intempestivita` kif allegat.**
**Inoltre li jintalbu l-imghaxijiet bhala parti mill-ammont hija prassi li giet accettata minn dan it-Tribunal.**
**Illi l-pagamenti li saru fil-fatt gew mehudin in kunsiderazzjoni.**
**Jirrizulta li jibqa' ammont ta' erba' mija u erbghin lira (Lm440.00) u imghax fis-somma ta' mitejn u dsatax-il lira (Lm219.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u erbghin lira (Lm440.00) u imghax fis-somma ta' mitejn u dsatax-il lira (Lm219.00), bl-imghaxijiet legali ulterjuri dekorribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------